MALTA

# QORTI TAL-APPELL

## (Sede Inferjuri)

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-4 ta' Mejju, 2022

Appell Inferjuri Numru: 6/2020LM

**77Ltd (C 36886)**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Melissa Scerri Seguna (K.I. nru. 212592(M))**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimata **Melissa Scerri Seguna (K.I. numru 212592(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellanta'] mid-deċiżjoni mogħtija fl-14 ta' Ġunju, 2021, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'], mit-Tribunal Għal Talbiet Zgħar [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], li permezz tagħha ddeċieda billi ċaħad l-eċċezzjoni tagħha u laqa' limitatament it-talba tas-

soċjetà rikorrenti **77Ltd (C 36886)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellata'] billi sab li l-intimata kienet kisret il-klawsola numru 25 tal-kuntratt ta' impjieg tagħha, u kkundannaha tħallas lis-soċjetà rikorrenti s-somma ta' €3,000 bħala danni prelikwidati skont il-klawsola 39 tal-imsemmi kuntratt, flimkien mal-imgħax mill-1 ta' Frar, 2020, meta ġiet notifikata bl-avviż, u bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru.

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti tal-proċeduri odjerni jirrigwardaw l-allegat ksur tal-kuntratt ta' impjieg min-naħa tal-appellanta. L-imsemmija appellanta kienet ġiet impjegata mas-soċjetà appellata fis-6 ta' Jannar 2018 skont it-termini u l-kundizzjonijiet ta' dak il-kuntratt. Skont kif qegħda tallega s-soċjetà appellata, speċifikatament fl-24 ta' Settembru 2018 u fid-19 ta' Frar, 2019 u mingħajr il-kunsens tagħha, l-appellanta kienet bagħtet diversi *emails* b'dokumenti u informazzjoni kunfidenzjali annessi li kienu proprjetà tal-istess soċjetà appellata, proprju mill-indirizz tal-*email* tax-xogħol għal dak tagħha personali.

**<u>Mertu</u>**

3. Is-soċjetà appellata għalhekk fit-13 ta' Jannar, 2020 intavolat proċeduri quddiem it-Tribunal permezz tal-preżentata ta' Avviż tat-Talba, u dan għall-ħlas tas-somma ta' tliet elef Euro (€3,000.00) rappreżentanti danni pre-likwidati *ai termini* tal-klawsola numru 39 tal-kuntratt, stante ksur min-naħa tagħha tal-

klawsoli 25 u/jew 26, bl-imgħax, sad-data tal-pagament effettiv, u bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru.

4. L-appellanta wieġbet fil-14 ta' Frar, 2020 fejn issottomettiet li t-talbiet tas-soċjetà appellata kellhom jiġu miċħuda stante li l-pretensjonijiet tagħha kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt, u dan salv eċċezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjeż kontra l-imsemmija soċjetà appellata.

## Id-Deċiżjoni Appellata

5. It-Tribunal wasal għad-deċiżjoni tiegħu wara li għamel is-segwenti sottomissjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

***"Ikkunsidra***

*Illi din hija kawża li permezz tagħha s-soċjetà attriċi qed tipprova taġixxi abbażi ta' klawsola penali kontenuta fil-kuntratt t'impjieg magħha tal-intimata qua impjegata fi ħdan l-istess soċjetà. B'mod partikulari is-soċjetà attriċi, filwaqt li tirreferi għall-klawsoli numerati 25 u 26 tal-kuntratt t'impjieg datat 6 ta' Jannar, 2018 (Dok. 'A' a fol. 2 et. seq. tal-proċess) tallega li l-intimata kisret l-istess klawsoli billi permezz ta' diversi emails, fosthom dawk datati 24 ta' Settembru, 2018 u 19 ta' Frar, 2019, bagħtet informazzjoni pertinenti għall-istess soċjetà attriċi fosthom templates ta' kuntratti u informazzjoni konċernanti proprjetà llistjata magħha minn indirizz tal-imejl tax-xogħol tagħha għall-indirizz persunali tagħha. Konsegwentement, a tenur tal-klawsola numru 39, l-istess soċjetà attriċi qed titlob is-somma ta' tlett elef euro (€3,000) bħala danni prelikwidati għal tali ksur.*

*Illi għal tali talba il-konvenuta għażlet li tillimita d-difiża tagħha għall-eċċezzjoni ġenerika li* "l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u t-talbiet għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż." *Saret riżerva wkoll għal eċċezzjonijiet ulterjuri li qatt ma ġew proposti.*

*Illi a sostenn tat-talbiet attriċi ir-rappreżentant tas-soċjetà attriċi ikkonferma li l-intimata kienet impjegata fi ħdan l-istess soċjetà ġestita minnu bħala direttur tal-*

*istess u dana a tenur tal-kuntratt t'impjieg tagħha datat 6 ta' Jannar, 2018. Huwa kompla jgħid kif:*

> Dokument 'B' (anness mal-avviż) huwa fil-fatt wieħed mill-emails li aħna skoprejna li kien ġie mibgħut mill-email address tax-xogħol fi ħdan is-socjetà attrici tal-konvenuta u ċioé minn (*omissis*) għal dak li jidher li huwa l-email personali tagħha u ċioé (*omissis*). Anness ma' din l-email kien hemm *commission agreement with owner* kif jidher ukoll riżultanti mill-istess email. Dokument 'C' jindika e-mail li ntbagħtet ukoll fl-istess ġurnata, ngħid li filfatt fl-istess ġurnata ċioé fl-24 ta' Settembru 2018 intbagħtu żewġ (2) emails, waħda fis-siegħa u tmintax (13:18) ta' wara nofsinhar u ieħor fis-siegħa u għoxrin minuta (13:21) ta' wara nofsinhar. Fit-tieni e-mail, mat-tieni e-mail kien ġie anness ukoll *letting agreement residential or commercial*. Fuq mistoqsija tat-Tribunal ngħid li dawn id-dokumenti li kienu ġew annessi mal-istess e-mail jikkostitwixxu templates u ċioé kuntratti li wieħed jimliehom bid-dettalji tal-klijenti partikolari li jkollna. Il-kuntratti kienu ġew redatti mis-soċjetà attriċi stess. Dawn il-kuntratti konna ilna nużawhom għal dawn l-aħħar ħmistax-il sena. (…) Ngħid li apparti d-dokument 'D' a fol 11 tal-proċess fil-fatt din l-email kienet tikkontjeni mhux biss il-video li jinsab indikat f'dokument 'D' a fol 11 imma wkoll it-tieni folja tal-istess li qed tiġi preżentement esebita u mmarkat mit-Tribunal bħala dok KP1 li tinkludi d-dettalji tal-klijent tagħna li kienu d-dettalji ġenerattivi għal Glenn Charles Jones u l-kariga li għandu fi ħdan il-kumpannija Andromeda Group Limited. Ngħid li apparti dawn l-emails fil-fatt kien hemm e-mails oħrajn li kienu ġew mibgħutin mill-konvenuta lill-email tagħha personali. Qiegħed filfatt f'pożizzjoni li nesebixxi dawn l-emails. Hemm ukoll e-mail datata l-10 ta' Mejju 2019 li qed tiġi mmarkata mit-Tribunal bhala dok KP2 li kienet tinkludi ħames (5) attachments 3 immarkati rispettivament: Qormi, Luqa, Mosta, Tarxien u Għargħur, kienu dettalji fuq proprjetajiet. Ngħid li fir-rigward ta' dawn il-proprjetajiet dawn kienu proprjetajiet li kienu ġew identifikati minn klijent tagħna li f'dan ir-rigward kien potential buyer jew potential lessee u li hu kien qed jikkunsidra bħala ideali għal ġeneru ta' negozju li xtaq li jagħmel. Jiena ma nistax nifhem kif dawn l-emails kienu ġew mibgħuta għall-email personali tal-konvenuta, ngħid fil-fatt li ma għandhom l-ebda rilevanza għat-tip ta' xogħol li hi kienet twettaq għas-soċjetà attriċi dak iż-żmien. Qed nesebixxi e-mail oħra datata 10 ta' Mejju 2019 li jidher li ntbagħtet mill-email tax-xogħol tal-konvenuta għall-istess email tagħha personali fis-sagħtejn (14:00) ta' wara nofsinhar tal-istess jum, din l-email tinkludi six (6) attachments li huma mmarkati rispettivament bħala: Birkirkara, Mellieħa, Buġibba, Fgura, Attard, Żebbuġ u Mosta. Bħal e-mail ta' qabel dawn il-

proprjetajiet ikunu ġew identifikati mill-klijent li jkun possibli akkwirent jew possibli nkwilin li jkunu proprjetajiet li jkun qed jikkunsidra bħala idonju għan-negozju jew għat-tip ta' xewqat tiegħu.

*Illi effettivament il-klawsola numru 25 tipprovdi kjarament:*

Office Administrator may not transfer, forward and copy in any manner whatsoever information, data, correspondence, agreement, rules and regulations of the firm including but not limited to the firm's databases and marketing material including but not limited to photos of oneself.

Amendments and deletions shall be carried out diligently.

*Filwaqt li l-klawsola numru 26 tipprovdi wkoll:*

Office Administrator will send and receive emails using only (omissis) (work email address) on 'Outlook'. Office Administrator will reply to emails by the next working day and will copy – in Cc – the director and manager of the firm and tutor if any. The work email address will only be used to carry out a service to the Firm and it will not be used to subscribe to social networks such as Facebook, Skype and Messenger (e-social networks). Only pending emails will be left in the inbox folder. Emails received and sent will be filed accordingly. Emails may be filed in the Archive folders and never deleted from the Deleted items folder.

*Illi t-Tribunal isib li s-soċjetà attriċi irnexxielha ċertament tipprova li, permezz tal-emails eżebiti, l-intimata kisret almenu dak espressament maqbul permezz tal-klawsola numru 25 u dana billi bagħtet lilha nnifisha kopji ta' kuntratti, vidjow u data oħra li kjarament kienet tappartjeni lill-istess soċjetà attriċi u dana b'mod ripetut.*

*Illi għal dan, l-unika spjegazzjoni li pruvat tagħti l-intimata kienet li* "jien bgħatthom lili nnifsi biex fil-free time tiegħi tad-dar minħabba li x-xogħol m'għandniex ċans nistudja x'hemm miktub għaliex jiena dina kienet l-ewwel darba li ħdimt f'aġenzija sabiex inkun naf x'ser ngħid lin-nies li jidħlu għandna u meta jċemplu speċjalment biex ikunu jafu r-rata tal-commission u nkun naf il-mistoqsijiet li jsaqsuni" *(ara f'dan is-sens affidavit tagħha preżentat waqt is-seduta tal-5 t'Ottubru, 2020). In kontro-eżami wkoll hija baqgħet issostni li "*Fuq mistoqsija tat-Tribunal x'kienet ir-raġuni li għaliha jien bgħatt dawn id-dokumenti minn fuq l-email tax-xogħol għal fuq l-email tiegħi personali biex b'hekk xorta waħda kien ikolli naċċedi għal kwistjonijiet tax-xogħol issa tramite l-email personali tiegħi ngħid li dawn kienu jirrigwardjaw dokumenti li jiena kelli nistudjahom peress li regolarment kien qed ikolli naffaċja ruħi ma' ċertu domandi dwar dawn l-istess dokumenti.".

*Illi fir-rigward ta' klawsoli penali bħal dawk mertu tal-azzjoni odjerna jinsab regolarment deċiż mill-Qrati Tagħna li:*

> *Kif ulterjorment spjegat, "il-klawsola penali f'kuntratt hija klawsola li biha wieħed mill-kontraenti sabiex jassikura l-eżekuzzjoni tal-obbligazzjoni minnu assunta jobbliga ruħu għal xi ħaġa għall-każ li hu ma jeżegwix l-obbligazzjoni li jkun assuma" (**Kollez. Vol. XLI P II p 1108; "Direttur tal-Kummerċ -vs- Marie Louise Gatt"**, Appell, 5 ta' Ottubru 1998); Minn dan jitnissel għalhekk illi min jobbliga ruħu taħt penali li josserva l-obbligazzjoni minnu assunta hu obbligat iħallas dik il-penali jekk hu ma jipprovax illi kien hemm xi raġuni li teżentah minn dik il-penali (**Kollez. Vol. XLIII P I p 259**)* (**Vanguard Billiard Tables Ltd vs Zurrieq Football Club** *deċiża mill-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-22 ta' Ġunju, 2005).*

*Hekk ukoll jinsab deċiż li:*

> *Il-klawsola penali hija għamla ta' danni pre-likwidati li biha l-kreditur tal-obbligazzjoni jeħles mill-obbligu li jipprova li ġarrab ħsara, għaliex jistrieħ biss fuq il-fatt li d-debitur tal-obbligazzjoni ma jkunx wettaq fil-ħin dak li mal-parti l-oħra jkun intrabat li jagħmel (**Mary Rose sive Mary FALZON SANT MANDUCA vs Mario GRIMA** deċiża mill-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-8 ta' Marzu, 2005).*

*Illi t-Tribunal huwa tal-fehma li, fil-każ in eżami wkoll, ukoll għandu japplika l-prinċipju tal-*pacta sunt servanda *b'rispett ukoll għal dak li jinsab espressament provdut fir-rigward ta' klawsoli penali taħt l-art. 1118 et. seq. tal-**Kodiċi Ċivili**. L-intimata fl-ebda waqt ma kkontestat il-validità tal-obbligu patwiti minnha la permezz tal-eċċezzjoni tagħha u lanqas tramite x-xhieda tagħha. Anzi, bil-kontra ta' dan proprju pruvat tiġġustifika il-ksur tagħha tal-istess obbligu billi tirreferi għall-ħtieġa li hija tgħid li kellha sabiex tistudja it-termini u l-kundizzjonijiet tal-kuntratti li hija tgħid li kienet tgħaddi lill-klijenti. Madanakollu it-Tribunal isib li tali verżjoni la hija kredibbli fil-fatt u lanqas tista', fid-dritt, isservi sabiex teħles lill-intimata mill-effetti ta' tali ksur kuntrattwali.*

*Jibda sabiex jingħad li, kif jirriżulta kjarament mill-kuntratt t'impjieg tagħha, hija kienet ġiet impjegata bħala Office Administrator b'xogħol li kien, kif imfisser mill-istess direttur tal-kumpannija, limitat għal xogħol fl-uffiċċju bħala amministratur tal-istess u mhux bħala* property negotiator. *It-Tribunal isib li assolutament m'huwiex kredibbli li sabiex l-intimata tistudja aħjar il-kundizzjonijiet tal-kuntratti tas-soċjetà attriċi hija kellha tibgħat tali kuntratti, perdipiù f'*word format *u bħala* templates *lill-indirizz persunali tagħha tal-imejl. Fl-ewwel lok, l-intimata stess ma fissritx liema kienu dawk l-aspetti li hija kellha 'tistudja' u lanqas ma tressqet xi prova da parti*

*tagħha ta' domandi li, skont hi, kienu jsaqsu lilha l-klijenti (minkejja n-natura merament amministrattiva tax-xogħol tagħha) u li hi ma kenitx tkun tista' twieġeb jekk mhux billi 'tistudja' l-kuntratti tas-soċjetà attriċi. Fi kwalunkwe każ, xejn ma kien josta lill-istess intimata li tuża l-ħin tagħha fuq ix-xogħol sabiex tiffamiljarizza ruħha ma' tali kuntratt* multo magis *meta kif tixhed hi stess, kienet proprju hi li eżiġiet illi ma jkollhiex aċċess għall-imejl tax-xogħol fuq il-mobile tagħha u kwindi barra l-ħinijiet tax-xogħol tagħha (ara f'dan is-sens il-kontro-eżami tal-istess intimata li, f'tali rigward xehdet: "*Naqbel ma' dak li qed jigi suġġerit lili li jiena stajt naċċedi għall-email tax-xogħol tiegħi mid-dar, ngħid però li dan kien minnu sakemm wasalna f'ċertu punt fejn jiena kont infurmajtu li ma ridtx nibqa' aktar naċċedi għal din l-email mid-dar u fil-fatt kont waqqaftu. Fuq mistoqsija tat-Tribunal ngħid li dak li għamilt jiena kien li neħħejt l-application Gmail minn fuq il-mobile tiegħi, Fuq mistoqsija tat-Tribunal ngħid li dak li però l-email personali tiegħi hija Yahoo u din stajt nidħol fuqha b'mod normali u bqajt nagħmel hekk."). *Aktar minn hekk l-intimata ma ġġustifikat bl-ebda mod il-ħtieġa tagħha li tibgħat lilha nnifisha, oltre* templates *ta' kuntratti appartenenti lill-istess soċjetà attriċi, informazzjoni u data oħra appartenenti lill-istess socjetà bħalma kienu vidjows u dettalji oħra ta' proprjetà llistjata mal-istess soċjetà attriċi.*

*Illi mill-aspett legali jingħad ukoll li l-intimata kellha tkun ben a konoxxenza tal-kundizzjonijiet li kienu jirregolaw l-impjieg tagħha u kwindi kellha tara li, qabel ma tikser tali obbligi, tara li tgħarraf lill-istess soċjetà attriċi bir-raġunijiet li kellhom, skont hi, jiġġustifikawha li taċċessa tali data tramite l-imejl persunali tagħha u kwindi titlob u tara li tottjeni deroga bil-miktub u b'mod preventiv għal dak regolarment sottoskritt minnha u li, skont l-art. 1121 tal-**Kodici Ċivili**, jikkostitwixxi mhux biss il-liġi li torbot liż-żewġ kontraenti (permezz ta' drittijiet u obbligi ma jistgħux jiġu unilateralment varjati jew derogati) imma li waqqgħu lill-konvenuta fil-penali hekk kif wettqet dak li hija kellha tkun taf li ma setgħetx twettaq. Lanqas jirriżultaw ebda minn dawk iċ-ċirkostanzi li, skont il-liġi, jistgħu iwasslu sabiex l-effetti ta' tali penali jiġu mtaffija jew ridimensjonati. It-Tribunal isib li s-soċjetà attriċi ikkunsidrat il-ksur ripetut tal-kuntratt t'impjieg tal-konvenuta mill-istess konvenuta bħala ksur wieħed a tenur tal-klawsola numru 39 tal-istess kuntratt.*

*Illi finalment it-Tribunal ma jistax ma jirreferix għall-fatt li, tramite s-sottomissjonijiet tar-rappreżentant legali tal-attriċi sar tentattiv sabiex issir referenza għal aspetti li ċertament ma jirriżultawx eċċepiti mill-istess intimata permezz tar-risposta tagħha.*

*Huwa wkoll risaput li:*

> "Argument legali dedott f'nota ta' sottomissjonijiet u mhux bħala eċċezzjoni formali, ma jobbligax lill-Qorti li tqisha bħala tali. Diversament ikun jammonta

għal strapp procedurali li jista' jkun ta' preġudizzju serju għall-kontroparti, oltre li jkun ukoll jammonta għal intralċ mhux awtorizzat fuq il-proċeduri 'in corso'." **FALZON ANTIDA vs APS BANK LIMITED** deċiża mill-Onor. Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Mejju, 2003 fost diversi oħrajn)

*Kif ingħad hawn fuq hija llimitat ruħha sabiex teċċepixxa ġenerikament li t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt u xejn iżjed. Hawn ukoll il-Qrati Tagħna kellhom diġà l-opportunità li jikkummentaw dwar it-tifsira li għandha tingħata lil tali eċċezzjoni. Per eżempju, l-Onor. Qorti tal-Maġistrati fil-kawża fl-ismijiet* ***Maltacom p.l.c. v. Carmelo Bonello*** *deċiża fit-18 ta' Frar, 2008 ikkummentat li tali eċċezzjoni hija effettivament* "eċċezzjoni ġenerika illi huwa nfondat imma għaliex kellu jkun infondat ma rriżultax".

*F'tali rigward dan l-istess Tribunal kif diversament presjedut diġà esprima ruħu dwar l-effetti ta' tali eċċezzjoni ġenerika u vaga għall-aħħar bħall-unika eċċezzjoni imressqa mill-konvenuta f'dawn il-proċeduri wkoll:*

"Huwa ferm wisq faċli li konvenut f'kawża jagħti difiża/eċċezzjoni waħda ġenerika u jistenna – jew jippretendi – illi it-Tribunal joqgħod jispigola ġewwa l-provi rakkolti matul il-proċediment jew ifittex qalb l-eventwali sottomissjonijiet sabiex ilibbes lil tali difiża/eċċezzjoni ġenerika b'libsa partikolari. Dan m'għandux ikun hekk. Hekk kif l-parti attriċi għandha turi sew u ċar x'qed titlob, il-kompitu tal-parti konvenuta hija li tindividwa sew għaliex u kif qed tirrezisti istanza. (…) Għalhekk, jekk il-konvenut ried xi ħaġa partikolari biex il-qagħda tiegħu tiġi aġjevolata jew biex minnha jieħu xi vantaġġ, hu kien mistenni jartikola ħsibijietu b'mod idoneju u b'manjiera ċara fil-mument appożitu (i.e., fl-eċċezzjonijiet) u mhux li jkun ritwalment ġeneriku, vag u/jew ekwivoku u informalment jikkristallizza d-difiża tiegħu man man li jieħu sura l-proċediment jew fis-sottomissjonijiet finali." (**Dr. Jean Karl Soler v. Ministru għas-Saħħa** deċiża minn dan it-Tribunal kif diversament presjedut fil-5 ta' Novembru, 2020)

*A skans ta' ripetizzjoni it-Tribunal odjern jagħmel referenza għal dak li jingħad f'din l-istess sentenza u jagħmel tiegħu il-konklużjonijiet raġġjunti fir-rigward ta' tali eċċezzjoni ġenerika, liema konklużjonijiet huma ċertament applikabbli wkoll għall-każ in eżami.*

*Illi, ai fini ta' kompletezza jingħad li d-deċiżjonijiet ċitati mir-rappreżentant tal-intimata a sostenn tal-posizzjoni tal-klijenta tagħha biss waqt it-trattazzjoni bil-fomm tal-istess każ senjatament il-kawża deċiża mill-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet* ***Mario Galea v. Renald Casha*** *fil-31 t'Ottubru, 2001 u wkoll il-kawża deċiża mill-Onor. Qorti tal-Appell (Inferjuri) fl-ismijiet* ***Antonio Camilleri v. Salvatore***

***Sicurella*** *datata 26 ta' Mejju, 2021 ma jistgħux jiġu ritenuti applikabbli għall-każ odjern tenut kont li f'dan tal-aħħar ma ġewx sollevati l-ebda mill-eċċezzjonijiet li ġew sollevati f'tali proċeduri filwaqt li l-fattispeċi ta' dawn iż-żewg każijiet huma wkoll ftit jew wisq differenti minn dawk tal-każ in eżami. Konsegwentement, in linea mal-każistika l-oħra hawn fuq ċitata, ċertament li m'huwiex il-kompitu tat-Tribunal illi f'dan l-istadju jikkunsidrahom wisq anqas li jiddeterminahom – minkejja li l-intimata stess tramite r-risposta tagħha stess għażlet li ma tressaqhomx sabiex ikunu jistgħu jiġu indirizzati tramite l-provi prodotti fil-kors tal-istess proċeduri.*

*Illi għaldaqstant it-Tribunal isib li t-talba attriċi hija fondata fil-fatt u fid-dritt u fil-fatt timmerita li tiġi akkolta."*

## L-Appell

6. L-appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fit-30 ta' Ġunju, 2021, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex:

*"1) taqta' li l-appell huwa fondat u ġustifikat;*
*2) tħassar id-deċiżjoni tat-Tribunal datata 14 ta' Gunju 2021 fl-ismijiet fuq premessi;*
*3) taqta' t-talbiet oriġinali magħmula fl-Avviż tat-Talba datat 13 ta' Jannar 2020 billi tiċħadhom bl-ispejjez, inkluż tal-mandat tas-sekwestru numru 59/2020 maħruġ kontra l-appellanta fil-15 ta' Jannar 2020"*

L-appellanta qabel xejn u mingħajr preġudizzju għall-aggravji li jsegwu, teċċepixxi li t-talbiet tas-soċjetà appellanta kif ippreżentati fl-Avviż tat-Talba għandhom jiġu miċħuda, għaliex huma msejsa fuq il-klawsola 39 tal-kuntratt ta' impjieg li jikser id-disposizzjonijiet tal-liġi. Imbagħad tkompli billi tippreżenta l-aggravji tagħha li huma s-segwenti: (a) is-soċjetà appellata ma kellha l-ebda raġuni valida sabiex tiskrutinizza l-*emails* tagħha; (b) it-Tribunal ikkonkluda ħażin dwar l-applikabbiltà o meno tal-prinċipju *pacta sunt servanda* u l-klawsoli penali f'kuntratt ta' impieg; (ċ) it-Tribunal kien żbaljat meta wasal għall-

konklużjoni li hija fl-ebda waqt ma kienet ikkontestat il-validità tal-obbligu patwit minnha; u (d) il-motivazzjoni tat-Tribunal fejn dan ċaħad l-eċċezzjonijiet tal-appellanta fis-sottomissjonijiet finali, huma nfondati.

7. Fir-risposta tagħha s-soċjetà appellata tissottometti li s-sentenza appellata hija ġusta, dettaljata u korretta, u għalhekk għandha tiġi kkonfermata.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Din il-Qorti qabel xejn ser tikkonsidra l-eċċezzjoni li l-appellanta qegħda tressaq f'dan l-istadju tal-proċeduri u fejn tikkontendi li t-talbiet tas-soċjetà appellata kellhom jiġu miċħuda ġaladarba dawn kienu msejsa fuq il-klawsola 39 tal-kuntratt tal-impjieg li ma jirrispettax id-disposizzjonijiet tal-liġi. L-appellanta tinsisti li din l-eċċezzjoni tagħha hija ta' natura perentorja u hawn għalhekk tistrieħ fuq is-subartikolu 732(1) tal-Kap. 12.

9. Il-Qorti tagħraf li eċċezzjoni perentorja jekk milqugħa għandha twaqqaf ħesrem il-proċeduri, u għalhekk hija tenuta li tinvestiga jekk tassew l-eċċezzjoni li qegħda tressaq l-appellanta f'dan l-istadju hijiex waħda perentorja.[1] Għalhekk, qabel xejn il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkonsidra jekk l-eċċezzjoni tal-appellanta ġustament għandhiex tiġi kkonsidrata bħala waħda perentorja u għalhekk tista' titressaq f'kull stadju tal-proċedura, anki mingħajr il-permess ta' din il-Qorti.

[1] Ara App.Sup. 82/08, Dr. Malcolm Falzon noe vs Mark Schembri & Sons Ltd, 12.07.19.

10. Wara li l-imsemmija appellanta tiċċita l-klawsola 39 tal-kuntratt ta' impjieg tagħha, hija tagħmel riferiment għall-artikolu 19(1)(a) u (b) tal-Kap. 452, u tiddikjara li l-klawsola 39 msemmija tikser dan l-artikolu 19, għaliex ma kien hemm l-ebda awtorizzazzjoni tad-Direttur tax-Xogħol sabiex tiġi mposta fuqha l-penali kontemplata. Tikkontendi li l-Kap. 452 irażżan il-volontà tal-kontraenti fl-interess pubbliku, u għalhekk huwa mingħajr effett dak miftiehem oltre il-liġi. Tkompli l-argument tagħha billi tagħmel ukoll riferiment għall-artikoli 985, 987 u 990 tal-Kodiċi Ċivili. Iżda tgħid ukoll li l-klawsola 25 tal-kuntratt ta' impjieg ma saritx skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 985 tal-Kodiċi Ċivili, għaliex din tagħmilha impossibbli li hija twettaq id-doveri tagħha. Tissottometti li fis-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, fl-ismijiet **Loreto Abela *vs.* Keith Pillow** deċiża fl-4 ta' Ottubru, 2006, ingħad illi ma kienx il-każ li jiġu addottati il-miżuri ta' proċedura formali ta' kif għandhom jitressqu l-eċċezzjonijiet quddiem it-Tribunal.

11. Is-soċjetà appellata min-naħa tagħha tikkontendi li l-eċċezzjoni li qiegħda tressaq l-appellanta mhijiex waħda perentorja, u għalhekk hemm bżonn il-permess tal-Qorti sabiex titressaq. Tgħid ukoll l-artikolu 19 tal-Kap. 452 mhux applikabbli għall-klawsola 39 tal-kuntratt ta' impjieg, stante li dan jikkontempla multi li jistgħu jitnaqqsu mis-salarju.

12. Il-Qorti taqbel mas-soċjetà appellata. Tgħid li l-allegata eċċezzjoni tal-appellata ma tistax titqies bħala waħda perentorja, għaliex kif sewwa tirrileva s-soċjetà appellata, saħansitra lanqas hija fondata sew fil-liġi meta wieħed iqis li l-artikolu 19 tal-Kap. 452 li fuqu tistrieħ l-appellanta ma japplikax għall-każ odjern, fejn m'hemm l-ebda kwistjoni ta' tnaqqis mis-salarju tagħha. Għalhekk

il-Qorti tikkunsidra li bl-ebda mod m'għandha s-saħħa li ġġib fi tmiemhom dawn il-proċeduri ta' appell u għalhekk l-allegata eċċezzjoni m'għandhiex tiġi meqjusa u investigata minn din il-Qorti.

*L-ewwel aggravju: [is-soċjetà appellata ma kellha l-ebda raġuni valida sabiex tiskrutinizza l-emails tagħha]*

12. L-ewwel aggravju tal-appellanta jirrigwarda l-allegat ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 586 u tal-*General Data Protection Regulations.* L-appellanta tgħid li l-provi juru b'mod tassew ċar li s-soċjetà appellata ma kellha l-ebda raġuni valida sabiex tifli l-*emails* tagħha, u dan sar saħansitra sabiex tinstab skuża biex jitnaqqas dak dovut lilha u teħles minnha. Issostni li tant huwa minnu dan kollu, li l-Avviż tat-Talba jagħmel riferiment għal *emails* tal-2018 meta hija ġiet rinfaċċata bil-fatti fis-sena 2020. L-appellanta hawn tikkontendi li ftit li xejn hija kredibbli x-xhieda ta' Dr. Karl Peralta fejn qal li huwa xtaq iwieġeb għal xi *emails* li hija kienet baqgħet ma weġbitx. L-appellanta tkompli tgħid li hija ma kinitx ġiet infurmatha li kien ser isir xi skrutinju tal-*email account* tagħha, anzi Dr. Karl Peralta xehed li tant kemm dan kien wieħed privat, li hija biss kellha l-*password* tiegħu. Tgħid li lanqas ma ġie ppruvat li hija ngħatat l-opportunità li tkun preżenti waqt l-iskrutinju, jew li ġiet infurmatha bid-drittijiet tagħha permezz ta' xi *privacy policy* applikabbli għall-impjegati.

13. Is-soċjetà appellata tikkontendi li dan l-aggravju jikkostitwixxi eċċezzjoni oħra fil-mertu li kellha titressaq *in limine litis,* fejn il-partijiet kien ikollhom l-opportunità li jressqu l-provi tagħhom u li jittrattawha, u sussegwentement jiddeċiediha t-Tribunal. Mingħajr preġudizzju għal din l-ewwel sottomissjoni, is-

soċjetà appellata tgħid li l-klawsola 25 ma kinitx ġiet miftehma sabiex twaqqaf lill-appellanta minn xogħolha, iżda sabiex hija ma tabbużax mill-fatt li kien ser ikollha informazzjoni u dokumentazzjoni fir-responsabbiltà tagħha li kienet proprjetà tas-soċjetà appellata. Madankollu l-appellanta waslet biex għamlet proprju dan.

14. Il-Qorti tosserva li l-appellanta qiegħda għall-ewwel darba f'dawn il-proċeduri tallega ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 586 u tal-*General Data Protection Regulation.* Huwa proprju għal din ir-raġuni li s-sentenza appellata hija siekta għal kollox dwar din il-kwistjoni, u b'hekk mhux biss il-parti l-oħra tkun ġiet imċaħħda milli tressaq il-provi u s-sottomissjonijiet tagħha fir-rigward jekk din il-Qorti tammetti dan l-aggravju, iżda anki titlef l-opportunità tal-eżami doppju tal-eċċezzjoni li qegħda titressaq mill-appellanta.[2] Għaldaqstant din il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' dan l-aggravju.

*It-tieni aggravju:* *[it-Tribunal ikkonkluda ħażin dwar l-applikabbiltà o meno tal-prinċipju* pacta sunt servanda *u l-klawsoli penali f'kuntratt ta' impjieg]*

15. L-appellanta permezz tat-tieni aggravju terġa' tressaq l-istess argument tagħha kif ippreżentat permezz ta' dak li hija allegat li kienet eċċezzjoni perentorja. Filwaqt li tagħmel riferiment għall-artikoli 987, 985 u 990 tal-Kodiċi Ċivili, tikkontendi li t-Tribunal qatt ma kellu japplika l-prinċipju *pacta sunt servanda* għal dawk il-klawsoli tal-kuntratt ta' impjieg in partikolari l-klawsoli 25 u 39, li għalihom kienu applikabbli l-imsemmija artikoli.

---

[2] Ara App.Sup.1042/09, Pawlu Bezzina et *vs.* Charles Vassallo, 11.05.15.

16. Is-soċjetà appellanta tirrileva li hawn ukoll l-appellanta qegħda għal darb'oħra tressaq eċċezzjoni ġdida fi stadju ta' appell. Mingħajr preġudizzju għal din l-ewwel sottomissjoni tagħha, is-soċjetà appellata tkompli billi tissottometti li l-*email* tal-appellanta tibqa' dejjem proprjetà tai-kumpannija u aċċessibbli għaliha, tant li fil-kuntratt tal-impjieg jissejjaħ *'work email address'.* B'hekk hija kellha kull dritt taċċedi l-imsemmija *email*. Tgħid ukoll li l-appellanta ma ċaħditx li bagħtet id-dokumentazzjoni in kwistjoni lilha nnifisha.

17. Il-Qorti hawn ukoll tagħraf li l-argument li qegħda tagħmel l-appellanta, hija qegħda tagħmlu għall-ewwel darba f'dawn il-proċeduri. Għaldaqstant għar-raġunijiet imfissra aktar 'il fuq f'din is-sentenza mill-Qorti, hija sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' dan it-tieni aggravju tagħha.

*It-tielet aggravju:* *[it-Tribunal kien żbaljat meta wasal għall-konklużjoni li hija fl-ebda waqt ma kienet ikkontestat il-validità tal-obbligu patwit minnha]*

*Ir-raba' aggravju:* *[il-motivazzjoni tat-Tribunal fejn dan ċaħad l-eċċezzjonijiet tal-appellanta fis-sottomissjonijiet finali hija nfondata]*

18. L-appellanta meta tispjega t-tielet aggravju tagħha, tirrileva li t-Tribunal fis-sentenza appellata kkonsidra li l-eċċezzjonijiet tagħha kienu ġeneriċi wisq jew saru fi stadju mhux permess. Tgħid li t-Tribunal kompla jgħid li l-każistika ppreżentata minnha sabiex tiġġustifika dan, ma setgħetx tiġi ammessa bħala applikabbli għall-każ odjern, għaliex l-eċċezzjonijiet sollevati mill-appellanta kien differenti minn dawk imressqa fil-proċeduri l-oħra ċitati minnha, u anki l-fattispeċje kienu ftit jew wisq diversi. Sabiex tissostanzja għal darb'oħra l-

argument tagħha, l-appellanta tagħmel riferiment għall-ġurisprudenza. L-appellanta terġa' tagħmel għal darb'oħra dan l-argument meta tippreżenta r-raba' aggravju tagħha fejn terġa' tikkontendi li fid-dawl tal-ġurisprudenza ċitata minnha, it-Tribunal kien żbaljat meta ċaħad l-eċċezzjonijiet tagħha kif magħmula fis-sottomissjonijiet finali.

19. Is-soċjetà appellata tisħaq għal darb'oħra dwar l-argument tagħha li l-appellanta qegħda fil-fatt tressaq eċċezzjoni fl-istadju odjern tal-proċeduri meta dan mhux permissibbli, u għalhekk l-aggravju għandu jiġi miċħud. Dan filwaqt li tikkontendi għal darb'oħra li l-klawsoli in kwistjoni fil-kuntratt ta' impjieg ma kienu jeħtieġu l-ebda kunsens *a priori* tad-Direttur għall-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali. Dwar ir-raba' aggravju tal-appellanta, is-soċjetà appellata tgħid li sabiex tevita r-repitizzjoni, hija qegħda tagħmel riferiment għall-każistika ċitata u ttenni li t-Tribunal kien korrett meta skarta l-każistika ċitata mill-appellanta fis-sottomissjonijiet finali tagħha.

20. Il-Qorti tikkondividi l-ħsieb tat-Tribunal u ma tarax ġustifikat jew xieraq li fil-każ odjern huwa kien tenut li jittratta l-eċċezzjonijiet tal-appellanta hekk kif magħmula waqt it-trattazzjoni bil-fomm quddiemu qabel ma ngħatat is-sentenza appellata. Il-Qorti tgħid li l-appellanta kellha kull opportunità li tressaq l-eċċezzjonijiet tagħha kollha matul il-proċeduri quddiem it-Tribunal, u ma ssib l-ebda raġuni għaliex kellha tistenna proprju sal-aħħar sabiex tagħmel dan. Issib ukoll kif għamel il-Bord, li l-ġurisprudenza ċitata minnha ftit li xejn tista' tgħinha fl-argument tagħha, u dan billi qabel xejn tosserva li l-fattispeċji tagħhom huma pjuttost diversi u mhumiex l-istess.

21. Għaldaqstant il-Qorti ssib li dawn l-aħħar żewġ aggravji mhumiex mistħoqqha, u għalhekk tiċħadhom.

## Decide

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-eċċezzjoni mressqa mill-appellanta u anki tal-ewwel u tat-tieni aggravju tagħha, tiddeċiedi dwar il-bqija tal-appell tagħha billi tiċħdu u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-istess appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**